**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 26**

**8 ta' Ottubru 2025**

Il-laqgħa b'urġenza numru 26 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Erbgħa 8 ta' Ottubru 2025 fil- 17.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

| | | |
|---|---|---|
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **26** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda ta' Daniel Zerafa |
| | |
| **26.1** | **Permessi għat-tiswijja tad-dgħajjes** |
| | Is-Sindku qal li bi ftehim mal-kunsillier responsabbli mis-sajd, tkellmu mas-sajjieda u ġie maqbul li:<br>- Jkun hemm formola fejn jiffirmaw fuqha s-sid tad-dgħajsa kif ukoll waħda li jkun fiha it-termini u l-kundizzjonijiet hekk kif ġej:<br>- Depositu hekk ser ttella' fuq l-iskal ta' Euro 50,<br>- Depositu hekk ser ttella' il-Magħluq ta' Euro 250,<br>- Dan id-depositu jerġa' jingħata lura meta jiġi ivverifikat li ma tħalliħx ħmieġ jew vandaliżmu fil-madwar bħal daqqiet tal-pinzell mal-ħitan.<br><br>Prezz għal min itella' maġenb l-iskal<br>- L-ewwel 15 il-ġurnata b'xejn<br>- It-tieni 15 il-ġurnata Euro 1 kull ġurnata<br>- Il-15 il-ġurnata ta' wara Euro 2 kull ġurnata<br>- U wara għal 15 il-ġurnata oħra Euro 3 kull ġurnata<br>- Wara dan il-perjodu jitħallas Euro 5 kull ġurnata. It-total ta' dawn il-permessi hu ta' massimu ta' 90 il-ġurnata<br><br>Prezz għal min itella' fil-Magħluq<br>- L-ewwel 15 il-ġurnata b'xejn<br>- It-tieni 15 il-ġurnata Euro 2 kull ġurnata<br>- Il-15 il-ġurnata ta' wara Euro 3 kull ġurnata<br>- U wara għal 15 il-ġurnata oħra Euro 5 kull ġurnata<br>- It-total ta' dawn il-permessi hu ta' massimu ta' 150 ġurnata<br><br>Prezz għal min itella' l-karrijiet fit-toroq<br>- L-ewwel 15 il-ġurnata b'xejn<br>- It-tieni 15 il-ġurnata Euro 2 kull ġurnata<br>- Il-15 il-ġurnata ta' wara Euro 3 kull ġurnata<br>- U wara għal 15 il-ġurnata oħra Euro 5 kull ġurnata<br>- It-total ta' dawn il-permessi hu ta' massimu ta' 120 ġurnata<br><br>Karrijiet vojta<br>- Is-Sindku qal li ser ikun qed jiċċekkja ma' TM hekk hux vera li huma qed jgħattu permess sabiex jintuża l-car park.<br><br>Fl-iskalin hemm il-winċijiet u jintużaw huma. Ma jistgħux jiġu użati krejnijiet ħlief f'emerġenza. Jistgħu itellgħu biss dgħajjes reġistrati bħala MFA/B/C u li huma reġistrati fil-port ta' Marsaxlokk. |

| | |
|---|---|
| | Hekk permess jiskadi u ma jiġix imġedded, l-ammont dovut jiġi mnaqqas mid-depositu. |
| | Din il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta’ 18.00 |
| | |
| | |
| | |

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ ________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*